


JANNAR - APRIL 2013

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**QATT MHU TARD**

Għeżież ġenituri,

Ix-xahar ta' Frar iġib miegħu l-Karnival u l-eżamijiet.

Nammira lil dawk l-organizzaturi li, bil-ħsieb li jirbħu xi premju fil-Karnival, jibdew minn ħafna żmien qabel jippjanaw il-karrijiet, iż-żfin, il-maskaruni u t-tiżjin ħalli joħolqu l-briju ta' sodisfazzjon liema bħalu. Kull organizzatur jaħdem u jistinka kemm jiflaħ, skont il-ħila tiegħu, fil-qasam li jkun daħal għalih. Jien ċert li kull parteċipant jagħmel l-almu u s-sagrifiċċji tiegħu kollha sabiex joħroġ u jippreżenta l-aqwa biċċa xogħol artistika li jkun kapaċi joħloq.

Kemm nieħu gost nidħol fi klassijiet u nara studenti attenti u jipparteċipaw f'lezzjonijiet li l-għalliema jkunu ppreparaw bi professjonalità liema bħalha. L-użu tal-IWB (Interactive White Board) qed jgħin sabiex l-għalliem jimmotiva lill-istudenti u jilħaq l-għanijiet tal-lezzjonijiet tiegħu. Nassigurakom li l-għalliema u l-amministrazzjoni qed jagħmlu dak kollu possibbli sabiex uliedkom jieħdu l-aqwa edukazzjoni ħalli kull student jiżviluppa l-ħiliet tiegħu kollha. Jekk student irid jagħmel differenza, jeħtieġ li jagħmel daqsxejn ta' sforz jew sagrifiċċju li, ftit taż-żmien ilu, konna ngħidulu responsabbiltà. Dak l-istudent li jrid jirnexxi, imur tajjeb fl-eżami jew jirbaħ xi premju, irid jagħmel ix-xogħol tiegħu tad-dar jew tal-iskola sew u b'dedikazzjoni. Dawn l-istudenti għandu jkollhom dak is-sodisfazzjon li jkun jixraq jew li jkunu ħadmu għalih. Din mhix xi ħaġa ta' barra minn hawn. Ma tridux taqtgħu qalbkom u tibdew tħejju ruħkom minn issa.

Wieħed jrid jifhem li r-riżultat jiddependi mill-preparazzjoni tal-istudent.

Is-Sur R. Portelli
Kap tal-Iskola



**Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# EDITORJAL

**EŻAMI WIEĦED**

L-eżamijiet qegħdin magħna! Dawn l-eżamijiet jagħtuna stampa ċara f'liema suġġetti qed nagħmlu progress u f'liema oħrajn irridu naqdfu u nirsistu iktar biex ngħollu l-livell. Wieħed irid jieħu l-eżamijiet b'mod serju u jifhem li jeħtieġ li jingħataw l-importanza li jistħoqqilhom.

Hawn min jisħaq li l-eżamijiet mhumiex bżonjużi, li minnhom ma joħroġ xejn ta' ġid. Din mhijiex il-verità. Jista' jkun li l-eżamijiet inisslu daqsxejn tensjoni u ansjetà imma, sakemm din l-ansjetà tkun ikkontrollata u ma teskalax f'livelli goffi, l-eżamijiet joffru huma wkoll taħriġ meħtieġ għall-ħajja futura tal-istudenti. Għax ħajjitna hija eżami wieħed min-nieqa sal-qabar!

Is-Sur L. Deguara
Għalliem

# SUĊĊESSI GĦALL-ISTUDENTI LI JISTUDJAW IL-LINGWA TALJANA

Ottubru u Novembru kienu xhur impenjattivi għad-Dipartiment tat-Taljan. Fl-aħħar ġimgħa t' Ottubru żewġ għalliema u ħames studenti attendew għaċ-ċerimonja ta' premjazzjoni fejn l-Ambaxxatur Taljan Pierluigi Marras ippreżenta lill-iskola tagħna b'ċertifikat u premju fi flus fl-okkażjoni tas-Settimana Della Lingua Italiana. Dan għaliex iktar kmieni matul is-sena l-iskola tagħna ħadet sehem fil-Festa Italiana. Din iċ-ċelebrazzjoni seħħet ġewwa l-Belt Valletta fl-Istituto Italiano di Cultura. Għal din l-okkażjoni żewġ studenti mill-iskola tagħna qraw il-poeżija "L'Italia dai mille colori".

Għall-bidu ta' Novembru l-istudenti tar-Raba' Sena li jistudjaw il-lingwa Taljana marru l-Università flimkien ma' żewġ għalliema oħra sabiex jieħdu sehem fl-attivitajiet li kien hemm fl-okkażjoni tad- Discovery Week.  Hemmhekk intwera l-filmat dwar il-mawra li grupp ta' studenti mill-iskola tagħna għamlu fi żmien l-Għid ġewwa Ruma. Inqrat poeżija u xi ftit mill-istudenti ħadu sehem fi kwizz kulturali. U bi pjaċir ngħidu li fost l-iskejjel preżenti l-iskola tagħna rebħet għaliex irrispondiet il-mistoqsijiet kollha b'mod korrett. M'hemmx dubju li l-istudenti tal-iskola tagħna dejjem imorru tajjeb f'kull attività li jieħdu sehem fiha u dan iqawwilna qalbna biex nibqgħu naħdmu sabiex l-istudenti jibqgħu jħobbu l-lingwa Taljana.

Id-Dipartiment tat-Taljan.

# TISJIR TA' IKEL FRANĊIŻ





Nhar l-Erbgħa 5 ta' Novembru, grupp ta' 21 student tal-Franċiż marru l-Grotto Tavern, ir-Rabat. Hemmhekk iltaqgħu mal-kok Franċiż Didier u l-mara tiegħu Alexandra. Hu spjegalhom kif isiru l-*crêpes (Pancakes)* u x'ingredjenti jkollhom bżonn. Wara beda jistaqsihom mistoqsijiet dwar il-Kultura Franċiża. Kull min wieġeb tajjeb kellu ċ-ċans joħroġ u jsajjar il-*crêpe* hu. Didier ta ċans lil kulħadd u b'hekk kull student kellu l-opportunità jsajjar u jduq il-*crêpe*.

Waqt din l-attività l-ewwel doqna l-gallett bil-perżut u l-ġobon u wara l-*crêpe* biċ-ċikkulata skura. L-istudenti ħadu gost ħafna b'din l-attività. Ħafna minnhom marru lura d-dar u reġgħu ppruvaw isajru din ir-riċetta Franċiża! Kienet attività ferm interessanti. Apparti li l-istudenti kellhom ċans iduqu dan l-ikel partikolari, tgħallmu ħafna vokabularju u espressjonijiet Franċiżi.

Din is-sena sar ukoll il-Christmas Market fejn it-tfal kellhom ċans iduqu l-Bûche de Noël.

Fil-brejk it-twil kull nhar ta' Erbgħa qed issir attività fil-klassi tal-Franċiz. Qed jintwera film bil-Franċiż. Kulħadd hu mistieden!

Is-Sa R. Micallef u s-Sa C. Stafrace
Għalliema tal-Franċiż

# JUM L-ISPORT GĦALL-ISTUDENTI TAL-ĦAMES SENA

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tal-Milied, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika ħaseb li jorganizza ġurnata ta' sport għall-istudenti tal-Ħames Sena. Din saret peress li ħafna drabi Jum l-Isport fl-iskola tagħna jkun organizzat għall-ħabta ta' Marzu, meta l-istudenti tal-Ħames Sena jkunu waslu biex jibdew l-eżamijiet tal-MATSEC. Għalhekk ħafna minnhom ma jkunux jistgħu jattendu għal din l-attività. Kien għalhekk li din is-sena din il-ġurnata kienet organizzata t-Tnejn, 17 ta' Diċembru u kienet attività ta' suċċess.

L-istudenti tal-Ħames Sena attendew bi ħġarhom għal din l-attività u s-sens ta' kompetizzjoni kien jinħass sew. Wara laqgħa ta' merħba, l-istudenti nġabru fit-*track* tal-atletika fejn hemmhekk kull student preżenti seta' jieħu sehem f'żewġ dixxiplini. Wara brejk qasir, bdew il-kompetizzjonijiet ta' sport differenti fejn l-istudenti ħadu sehem fil-futbol, *softball*, baskitbol, *handball* u *badminton*. Wara l-brejk ta' nofsinhar, l-istudenti ħadu sehem fit-tlielaq tar-*relay* 4 x 100m u 4 x 200m kif ukoll saret kompetizzjoni ta' *tug of war* li fiha ħadu sehem ukoll xi għalliema li kienu preżenti.

Fl-aħħar l-istudenti rebbieħa ngħataw medalja li ġiet ippreżentata lilhom mis-Sur Ray Muscat, Assistent Kap tal-Iskola. Żgur li kienet attività mill-isbaħ u li l-istudenti tagħna se jibqgħu jiftakru. Il-ġurnata li għaddew flimkien f'sens ta' spirtu sportiv għenithom biex ikomplu jsaħħu l-ħbiberija ta' bejniethom. Nawgurawlhom issa għall-aħħar ftit ġimgħat li baqgħalhom magħna fl-iskola qabel ma jibdew l-eżamijiet tant importanti.

Is-Sa AM. Gatt
F'isem id-Dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika



# ATTIVITAJIET RELIĠJUŻI FI ŻMIEN IL-MILIED

Bħal kull sena, fi żmien il-Milied l-iskola ħejjiet diversi attivitajiet reliġjużi bil-qofol tagħhom jintlaħaq fl-aħħar jum qabel il-vaganzi. Dakinhar l-istudenti ħadu sehem fil-purċissjoni tradizzjonali bil-Bambin madwar l-iskola u wara pparteċipaw ukoll fil-quddiesa li saret fis-sala tal-iskola miż-żewġ diretturi spiritwali tal-iskola, Fr Glen Buhagiar u Fr David Torpiano. Minbarra l-quddies, l-istudenti ħadu sehem ukoll fil-kant ta' għanjiet tal-Milied li għenu biex jidħlu aktar fl-ispirtu ta' dan iż-żmien u jagħrfu aktar it-tifsira vera tal-Milied.





F'Diċembru, diversi studenti ħadu sehem ukoll fil-kompetizzjoni nazzjonali tal-presepji li ssir fost l-istudenti tal-iskejjel Maltin. Kien ta' sodisfazzjoni tara l-impenn u l-ħeġġa tal-istudenti li pparteċipaw sabiex jagħmlu presepju sabiħ u kemm jista' jkun oriġinali sabiex jidħlu għall-kompetizzjoni. Bi pjaċir ngħidu illi tnejn minnhom, Brian Attard tat-2.4 u Redeemer Brincat tal-5.6 għaddew għall-fażi finali ta' din il-kompetizzjoni wara li ġurija apposta ġġudikat il-presepji kollha li ħadu sehem. Il-presepji li saru kienu esposti għall-wiri fil-*foyer* tal-iskola sabiex kulħadd japprezza t-talent u l-ħidma tagħhom.

F'dawn l-attivitajiet kollha nħass sew l-ispirtu tal-Milied fost l-istudenti b'mod li dawn jagħrfu aktar it-tifsira vera ta' dan iż-żmien.

Is-Sa C. Pisani Grixti
Assistenta Kap

# FIELDWORK F'WIED IL-QLEJGĦA U WIED IL-GĦASEL



L-istudenti tar-Raba' u l-Ħames Sena li għażlu li jistudjaw il-Ġeografija għall-MATSEC għandhom bżonn li jagħmlu proġett dwar il-*fieldwork*. Dan il-proġett iġorr 15-il marka mill-eżami u għalhekk irid jittieħed b'ċerta serjetà. Kien b'dan f'moħħhom li l-għalliema tal-Ġeografija, is-Sur V. Zammit u s-Sa J. Pace, ħadu lil dawn l-istudenti għal *fieldwork* fi tnejn mill-isbaħ żewġ widien li għandna f'Malta - Wied Qlejgħa jew, kif inhu magħruf, iċ-*Chadwick Lakes* u Wied il-Għasel.

Il-*fieldwork* kien imqassam fuq jumejn f'Novembru u Diċembru u fihom l-istudenti għamlu diversi studji;

- Użaw apparat bħal rutelli, spag u blalen biex jaraw kif u b'liema rata miexi l-ilma fil-wied, kemm hu wiesa' l-wied u kif inhi l-forma tal-wied;
- Ħadu kampjuni tal-ħamrija biex jaraw din kemm hi aċiduża u x'sustanzi fiha;
- Għamlu *survey* biex jaraw l-għelieqi għal liema għan jintużaw - jekk hux għall-kultivazzjoni ta' ħxejjex, jew inkella għas-siġar tal-frott jew imħollija mistrieħa.
- Studjaw il-flora u l-fawna tal-post;
- Għamlu tpinġijiet tax-xeni u/jew tad-diversi oġġetti ta' interess ġeografiku li jinsabu fil-post, bħal ngħidu aħna kif iddur ix-xmara (meander) u minn fejn joħroġ l-ilma għal ġol-wied, eċċ
- Sar ukoll użu estensiv minn mappi li kellna magħna biex fuqhom ġew immarkati diversi *landmarks* u affarijiet oħra ta' interess.

M'għadniex xi ngħidu, l-istudenti ħadu gost ħafna f'dan il-*fieldwork,* l-ewwelnett għax kien interessanti u t-tieni għax kien jinvolvi ħafna sens ta' avventura u kien f'ambjent tassew sabiħ. Nawguraw li issa dawn l-istudenti jirnexxilhom jagħmlu kitba interessanti ta' kif marru f'dan il-*fieldwork* biex, xħin jasal l-eżami tas-SEC isibu ruħhom ippreparati tajjeb.

Is-Sa J. Pace
Għalliema

# IS-SBEJĦA U L-BESTJA



Il-Milied ġie u għadda u għal ħafna ħalla tifkiriet sbieħ. Il-Kulleġġ tagħna żgur li offra tifkira ħelwa għal dawk it-3000 ruħ li ġew sabiex jaraw il-pantomima mtellgħa mill-għalliema u studenti li flimkien ħadmu fuq din il-produzzjoni.

Fil-fatt kienu ħafna dawk in-nies li ħadmu b'mod volontarju għal ħinijiet twal kemm waqt il-ħin tal-iskola kif ukoll barra, imma dan tħallas lura bir-rispons qawwi li kellna bħala udjenza u bil-kummenti ferm pożittivi li rċevejna. Din kienet okkażjoni li kull min ħa sehem fiha, kemm fuq il-palk, kemm minn wara l-kwinti u kif ukoll min-naħa tal-amministrazzjoni ħadem f'armonija sħiħa u kulħadd jinsab sodisfatt bir-riżultat miksub.



Anke Cutie tgħidx kemm hi kuntenta ta...għax għandha *facebook* tagħha ma jesagħhiex aktar *requests*. U kemm ilha ma' Gaston (dak il-minfuħ li jippretendiha ħafna) tgħidx x'tiddandan. U xi ngħidu għas-saħħara u x-xjenzat? Karattri strambi għall-aħħar imma flimkien qed jagħmlu l-impossibbli u smajna li l-magna Total Makeover daqt tkun lesta u din id-darba mingħajr ebda intoppi. Avolja ma qablux waħda tul il-pantomima kollha, in-narrattriċi u l-mużiċist għaddejjin sew...wieħed idoqq u l-oħra tgħanni!



Il-karattri tal-palazz għadhom jistennew bil-ħerqa għall-magna tal-Profs., imma nista' nassigurakom li għalkemm minn barra baqgħu jidhru l-istess irnexxielhom ibiddlu ħafna mill-karattru tagħhom. U fl-aħħar u żgur mhux l-inqas, il-Bestja u Belle sabu f'xulxin dak li dejjem kienu qed ifittxu u li probabbli kienu rrassenjaw ruħhom li qatt ser isibu.



Nittama li dawk kollha li ġew għall-pantomima ta' din is-sena nerġgħu niltaqgħu magħhom f'Diċembru li ġej u ħajru lil oħrajn jiġu wkoll għal storja oħra mimlija azzjoni u komiċità, din id-darba fil-pantomima bl-isem ta'...



Narawkom

Is-Sur K. Scicluna
Direttur tal-Pantomima

# KALENDARJU UFFIĊJALI

## Frar 2013

| | |
|---|---|
| 4 - 7 | Taħdita dwar Opportunitajiet fil-MITA |
| 6 | Taħdita għall-ġenituri kollha dwar L-Abbuż mid-Droga |
| 7 | Laqgħa tal-Kunsill Skolastiku |
| 7 | Taħdita Green MT għall-iskola kollha |
| 8 | Eżamijiet Orali għall-istudenti tal-5 Sena |
| 11 - 12 | Vaganzi tal-Karnival |
| 13 - 22 | Eżamijiet ta' Nofs is-Sena - (għall-istudenti mill-1 sar-4 Sena) |
| 13 - 22 | Eżamijiet Annwali - (għall-istudenti tal-5 Sena) |
| 25 ta' Frar sal-1 ta' Marzu | Eżerċizzji Spiritwali (għall-istudenti tar-4 u l-5 Sena) |
| 25 ta' Frar sat-22 ta' Marzu | It-12-il Istitut tal-Kitba fuq stedina għall-għalliema tal-Primarja u s-Sekondarja |
| 26 | Laqgħa tal-Kunsill tal-Istudenti tal-Kulleġġ |
| 28 | Skopri l-Vuċi Tiegħek (għall-istudenti tat-2 Sena) |

## Marzu 2013

| | |
|---|---|
| 1 | Skopri l-Vuċi Tiegħek (għall-istudenti tal-1 Sena NSS) |
| 4 - 8 | Water Week |
| 4 - 8 | Eżerċizzji Spiritwali (għall-istudenti tal-1 Sena u tat-2 Sena) |
| 6 | Sessjoni tal-karrieri għall-klassi 4.8 |
| 6 | SDP |
| 7 | Laqgħa tal-Kunsill Skolastiku |
| 11 - A515 | Eżerċizzji Spiritwali (studenti tat-3 Sena) |
| 12 | Options Fair għall-istudenti tat-2 Sena |
| 13 | Sessjoni PD għall-għalliema. (wara l-ħin tal-iskola) |
| 15 | Skola Nazzjonali tal-Isport San Benedittu - Laqgħa bejn il-Counsellor u l-SMT |
| 18 | Fire Drill |
| 20 | Żjara lill-Mużew tal-Pulizija (għażla ta' studenti tat-3 Sena) |
| 21 | Festival ta' Baskitbol fil-Padiljun tal-Baskitbol f'Ta' Qali (għażla ta' studenti tal-1 u t-2 Sena) |

## Marzu 2013

| | |
|---|---|
| 22 | Żjara fil-Qrati tal-Ġustizzja (Studenti tat-3 Sena Studji Soċjali Option) |
| 25, 26 | Jum il-Ġenituri |
| 26 | Laqgħa tal-Kunsill tal-Istudenti tal-Kulleġġ |
| 27 | Bidu tal-Vaganzi tal-Għid |

## April 2013

| | |
|---|---|
| 4 | Tmiem tal-Vaganzi tal-Għid |
| 5 | ACTS Studenti tar-4 Sena JL / AS |
| 8 - 12 | Expo – Saħħa u Sigurtà (għall-ġenituri) |
| 9 | Laqgħa dwar il-karrieri għall-ġenituri u l-istudenti tar-4 Sena |
| 11 | Laqgħa tal-Kunsill Skolastiku |
| 15 - 19 | Career Exposure għall-istudenti tar-4 Sena JL. |
| 17 | Żjara għall-MITA (Studenti tat-3 Sena Comp. Studies opt. u BTEC IT) |
| 18 | Festival ta' żfin fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera |
| 19 | Jum iċ-Ċelebrazzjoni |
| 22 - 26 | Career Exposure għall-istudenti tar-4 Sena (AS) |
| 22 - 26 | Library Week |
| 23 | Jum Dinji tal-Ktieb |
| 23 | Żjara lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru (studenti tar-4 Sena JL) |
| 24 - 28 | EMBED |
| 26 | Attività għall-istudenti mill-grupp tal-SDP Resilience |

## Mejju 2013

| | |
|---|---|
| 1 | Vaganza Pubblika |
| 2 | Jum l-Isports għall-studenti tal-1 u t-2 Sena |
| 2 | Laqgħa tal-Kunsill Skolastiku |
| 2 - 3 | Atletika fl-Athletics Stadium, il-Marsa (għażla ta' studenti) |
| 7 | Tranżizzjoni Parti 2A għall-istudenti kollha tas-sitt sena fi ħdan il-Kulleġġ San Benedittu |
| 7 | Sessjoni PD għall-għalliema (wara l-ħin tal-iskola) |
| 9 | Attività Moving On |
| 15 | Tranżizzjoni Parti 2B (Taħdita għall-ġenituri tal-istudenti tal-Iskola Primarja fi ħdan il-Kulleġġ San Benedittu fis-sala tal-iskola KSB) |
| 17 | Festa Komunità |
| 17 | Jum l-Isports għall-istudenti tat-3 u tar-4 Sena |



N.B. Il-programm jista' jinbidel matul is-sena skolastika skont il-ħtieġa.

# IĠRI TISPIĊĊA L-ISKOLA...

F'dinja dejjem tinbidel b'rata li donnu l-ħin kollu żżid, sar iktar diffiċli li tipprevedi x'tipi ta' xogħol ser ikun hemm bżonn fil-futur. Spiċċa ż-żmien li tidħol f'xogħol u ssaddad hemm sal-pensjoni! Ir-realtà tal-lum hi li tbiddel ix-xogħol skont l-opportunitajiet li jinqalgħu jew skont il-bżonnijiet u ċ-ċirkustanzi li l-ħajja ġġib magħha. Din ir-realtà toħloq insigurtà u għalhekk titlob li l-individwu jarma lilu nnifsu b'sett ta' attitudnijiet u ħiliet. Numru sew minn dawn il-ħiliet nibdew nitħarrġu fihom sa miċ-ċokon. Attitudnijiet bħal inkunu responsabbli (eż. li ġġib il-HW fil-ġurnata li suppost, jew li jibża' għal ħwejġu u l-uniformi), kapaċi naħdem mal-oħrajn (eż. kif jilgħab fil-brejk, jew kif iġib ruħu fuq it-trasport), kapaċi jsolvi problemi li jinqalgħu, l-umiltà (kapaċi jagħraf il-ħiliet u l-limitazzjonijiet tiegħu u jużahom sew mingħajr ma jwaqqa' lill-oħrajn għaċ-ċajt), l-onestà u l-kapaċità li joħlom u jgħix b'entużjażmu ta' xi ħaġa ġdida. Huma dawn l-attitudnijiet u oħrajn bħalhom li jfittxu l-imprendituri f'impjegat ġdid u mhux ċertifikati biss. Il-mistoqsija bażika li jkollhom f'moħħhom qabel ma jimpjegaw hi: "Dan x'ser jagħti iżjed lill-kumpanija biex inkunu iktar kompetittivi?" Ħila importanti u, f'dawn iċ-ċirkostanzi, indispensabbli hi li tkun lest li titgħallem u li taddatta ruħek għaċ-ċirkustanzi ġodda. Hu żball kbir li wieħed jaħseb li l-iskola sas-sittax! Min jaħseb hekk diġà hu skadut għax din hi mentalità li għadda żmienha!! Żagħżugħ li qed iħares bis-serjetà lejn il-futur tiegħu jrid jinvesti f'edukazzjoni tul ħajtu kollha. Allaħares mekkanik kellu jieqaf jitgħallem għax f'temp ta' 10 snin jispiċċa bla xogħol għax ma jkunx jaf kif isewwi l-karozzi li ħarġu ġodda. L-istess ħaġa għal kull tip ta' xogħol ieħor, kemm dak ta' professjoni kif ukoll tas-sengħa. Għalhekk student irid jara x'hawn fis-suq tat-taħriġ u l-edukazzjoni. Illum, f'Malta, bħal kull pajjiż ieħor żviluppat u li bis-serjetà jħares lejn il-futur, hawn diversi opportunitajiet għal kull età biex wieħed ikompli jitħarreġ. Minħabba f'hekk l-iskola tagħna torganizza diversi laqgħat u ħarġiet f'numru ta' postijiet li joffru taħriġ wara li wieħed jispiċċa l-Ħames Sena tas-sekondarja. Mhux l-MCAST u l-Università biss jeżistu. Hawn iktar minn 300 skola postsekondarja li joffru taħriġ f'xi qasam jew ieħor. L-għażla hi vasta u diversi żgħażagħ jintilfu u jinfixlu fil-varjetà. Ir-riċerka turi li ħafna drabi l-istudenti jagħtu ħafna kas x'jaħsbu l-ġenituri. Għalhekk hu importanti li anke l-ġenituri jinfurmaw u jaġġornaw ruħhom dwar x'opportunitajiet hawn. Nawguraw lill-istudenti tagħna mhux biss li jkomplu fl-edukazzjoni tagħhom imma anke li jagħmlu għażliet tajba ħalli hekk igawdu huma u s-soċjetà kollha kemm hi.



Is-Sur M. Cassar
F'isem id-Dipartiment tal-Guidance

Fil-ħarġa li għaddiet konna tkellimna fuq *resilience* u kemm hija essenzjali li fi żminijiet diffiċli wieħed m'għandux jaqta' qalbu. Ippreżentajna wkoll il-*logo* bil-kliem Taqtax Qalbek!, liema *logo* se jibda jiġi promoss mal-entitajiet kollha tal-iskola fuq inizjattiva tal-kumitat tagħna.

Dan il-*logo* ġie magħżul wara diversi diskussjonijiet u suġġerimenti. Saru wkoll disinni differenti iżda l-kumitat għażel id-disinn magħmul mis-Sa J. Mercieca, għalliema membru ta' dan il-kumitat, bħala l-aktar disinn li jwassal il-messaġġ b'mod ċar u mill-aktar sempliċi.

Imma kif wasalna għal dan il-*logo*? Għaliex il-fekruna? X'messaġġi hemm warajh?

Il-kumitat qabel li waħda mill-aktar stejjer sempliċi li tista' twassal dan il-messaġġ hija l-istorja tal-fenek u l-fekruna, storja ta' Esopu, li żgur kulħadd iltaqa' magħha sa minn età ċkejkna. Żgur li kulħadd jaf l-istorja ta' meta l-fenek stieden lill-fekruna biex ittellaq miegħu bl-iskop li jwaqqagħha għaċ-ċajt u jirbaħ hu. Minkejja li ċ-ċansijiet tal-fekruna kienu żgħar wisq, din ma qatgħetx qalbha u daħlet għat-tellieqa.

Ilkoll nafu kif spiċċat l-istorja. Il-fekruna rebħet it-tellieqa. Imma naqblu li din ma kinitx ħaġa faċli għaliha. Kienet tellieqa iebsa u twila imma bil-mod il-mod, mhux biss irnexxielha tasal, imma rnexxielha tagħti risposta lil kulħadd – il-perseveranza tal-fekruna għenitha tkompli tħares 'il quddiem, tasal u tirbaħ. L-impossibbli sar possibbli biss għax kienet reżiljenti! U għax ma qatgħetx qalbha!

Is-Sa M. Zahra Sacco
F'isem il-Kumitat SDP Resilience

**TAQTAX QALBEK!**

***"Either I will find a way, or I will make one."***

Sir Philip Sidney

***"Jekk ma nsibx minn fejn ngħaddi, nagħmel triq jien."***

Sir Philip Sidney

# KELMTEJN MID-DIRETTUR SPIRITWALI

Iż-żmien itir u ma jistenna lil ħadd. Diġà għaddew erba' xhur minn mindu bdejna s-sena skolastika. Ġie l-Milied u għadda, bdejna sena ġdida, is-sena 2013, u diġà għadda xahar minnha. Meta kont student kont nieħu qatgħa meta konna nidħlu mill-vaganzi tal-Milied għax kien ikun qed joqrob ix-xahar ta' Frar li jġib miegħu l-eżamijiet ta' nofs is-sena.





Ħafna minna niddejqu nistudjaw. Hemm min jara l-istudju bħala ħela ta' ħin. Imma jiena ngħid li hu żmien importanti, għax dak li qed nistudja, dak li qed nitgħallem, qed nagħmlu għalija nnifsi, għall-futur tiegħi. Kemm hu importanti li bħala student tinvesti fl-istudju u fit-tagħlim. Niftakar ukoll li meta jiena qed nagħmel dmiri sewwa jien qed infittex li nagħmel ir-rieda ta' Alla.

Mal-eżamijiet ta' nofs is-sena se jibda żmien importanti għalina l-Insara għax jibda r-Randan. Hu żmien fejn aħna nidħlu ftit fina nfusna, neżaminaw il-ħajja spiritwali tagħna u nirranġaw fejn aħna qed nonqsu mill-fedeltà tagħna lejn Alla u lejn l-oħrajn. San Pawl fl-Ittra tiegħu lill-Filippin jgħidilna, *"Għeżież, jiena rrid nagħmel ħilti kollha biex nilħaq dak li hemm quddiemi; niġri 'l quddiem lejn it-tmiem, biex nikseb il-premju li għalih Alla qed isejħilna hemm fuq fi Kristu Ġesù"* (Fil 3, 13-14). Mela ejjew naħdmu biex nagħmlu dmirna sewwa, kemm fl-istudju, kif ukoll permezz tal-imħabba u l-maħfra tagħna lejn l-oħrajn. Naħdmu biex nieħdu l-aqwa premju, dak tal-hena eterna tas-sema.

Fr Glen

## MESSAĠĠ MILL-KUNSILL TAL-LIBRERIJI MALTIN





Il-5 ta' Diċembru, f'Malta u Għawdex, qiegħed jiġi mfakkar JUM IL-LIBRERIJI (Libraries Day). Il-Kunsill tal-Libreriji Maltin (Malta Libraries Council) ħass li kellu jiddedika ġurnata għal-libreriji għax jixtieq ikabbar l-għarfien u jixtieq ukoll jara l-libreriji jiġu użati ferm aktar.

Bħala studenti, intom tużaw il-librerija tal-iskola, iżda kemm minnkom tagħmlu użu mil-librerija pubblika fir-raħal fejn toqogħdu? Nixtiequ nistednukom sabiex iżżuru u tużaw il-libreriji mhux biss biex tissellfu xi kotba iżda wkoll biex tfittxu xi informazzjoni, tagħmlu riċerka, tużaw l-internet, jew sempliċiment tqattgħu ftit ħin indawrin bil-kotba. Il-libreriji mhumiex biss post fejn jiġu mislufa l-kotba.

Il-Kunsill Malti tal-Libreriji Maltin qiegħed jistedinkom biex iżżuru l-libreriji li hawn madwar Malta u Għawdex, mhux biss illum, iżda matul is-sena kollha. Ħeġġu l-ħbieb tagħkom u membri oħra tal-familja biex huma wkoll jagħmlu użu mil-libreriji. Morru u idħlu fid-dinja tal-għerf, tal-kotba, tal-fantasija u tad-divertiment u gawdu minn dak kollu li joffru l-libreriji tagħna madwar Malta u Għawdex.

## ŻJARA FIL-LIBRERIJA PUBBLIKA TA' BELTISSEBĦ U FIL-BIBLJOTEKA NAZZJONALI L-BELT

Għal dan il-għan f'din il-ġurnata ġiet organizzata żjara f'dawn iż-żewġ libreriji importanti għal dawk l-istudenti li fil-brejk ta' nofsinhar jiġu b'ħeġġa jgħinuna fil-librerija tal-iskola. Kienet ħarġa edukattiva ħafna fejn rajna l-importanza kbira ta' dawn iż-żewġ libreriji importanti f'pajjiżna.

Is-Sur A. Cutajar
Is-Sa M. Zahra Sacco
Għalliema Librara

## In-Nannu - Kristian Galea 1.1

Kont daqsxejn ta' tarbija,
Ħabbejtni u ħadt paċenzja bija,
Tfissidni u terfagħni,
Nitbissem dejjem tarani.

Tiegħi kont tagħti kas,
Meta bdejt nitfa' pass,
Bil-ballun fil-garaxx,
Miegħi ma tixbax.

Miegħek l-għalqa teħodni,
Te u ħobż ittini għax tħobbni,
Tnaddafni mill-ħamrija,
Ma jmurx ommi tagħmel għalija.

L-aqwa nannu fik jien sibt,
Għalik din il-poeżija ktibt,
Inroddlok ħajr irrid,
Għax bħalek m'iniex ħa nsib.

## Lill-Farfett - Andrè Cassar 1.1

Fejn kont ja ċkejken farfett?
Kemm ili nistenniek fil-parapett!
Kont qed tittajjar ma' xi qatta' alwett?

Fejn kont f'din l-għodwa tar-rebbiegħa?
Kont fuq il-bejt titkellem maz-zija?
Jew fuq il-bank tal-iskola, tittanta lil ħija?

Kont fil-kampanja kollha ħdura?
Fuq xi werqa jew fuq xi fjura?
Sabiex tgawdi n-natura?

Fejn kont f'dawn il-jiem?
Tiddandan bi ġwenħajk kollha lwien?
Jew kont qed tiġġerra fil-widien?

O farfett ħelu, xħin trid ejja f'dari,
Tektikli mat-tieqa,
Ħalli nilqgħek bi ħġari



## Ommi - Luca Mifsud 1.2

Ommi hija mara speċjali,
Ħafna għażiża għalija għall-fatt,
Li titmagħni u tieħu ħsiebi,
Bħala ma nsib qatt u qatt.

Minn mindu jien kont daqsxejn ta' tifel,
Hi kienet dejjem moħħha fija,
U meta jiena ma nkunx niflaħ,
Hija t-tabib iġġib għalija.

Inqisha ħafna bħala ħabiba,
Tifhimni u ttini l-pariri,
U meta jien fi problema nkun,
Hija dejjem soluzzjoni ttini.

Meta jiena bdejt l-iskola,
Ferħana kienet, ratni mmur għal qalbi,
Filgħodu kmieni tqum biex il-ħobż tlestili,
Mulej, ibżagħli għal ommi, isma' talbi.

Lili u lil ħuti tistmagħna l-istess,
U m'għandha l-ebda preferenzi,
Għalina hija l-omm ideali,
U bis-saħħa tagħha ngħixu lkoll kuntenti.

Mulej, nitolbok, żomm idejk fuqha,
Kultant niggustaha hekk kif inħares lejha,
Tilmaħni nħares u tgħannaqni magħha,
U tbusni fuq moħħi bid-dmugħ f'għajnejha.

# TIME-TABLE TAL-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA - FRAR 2013

| Ġurnata | Sessjoni | L-1 Sena | It-2 Sena | It-3 Sena | Ir-4 Sena | Il-5 Sena |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Ġimgħa 8ta' Frar 2013 | 1 | **JUM TA' STUDJU** | | | | **ORALI** |
| | 2 | | | | | |
| | 3 | | | | | |
| L-Erbgħa 13ta' Frar 2013 | 1 | Matematika | Matematika | ORALI | GC/PE/ Stud. Ewropej | Matematika |
| | 2 | Xjenza | Ġeografija | | Storja - *Gen/Opt.* | Reliġjon |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | CS | DT |
| Il-Ħamis 14ta' Frar 2013 | 1 | Lingwi barranin | Malti | Fiżika/ Scientific Lit. | Matematika | Ingliż - List. Comp & Lang. |
| | 2 | Ġeografija | Storja | ICT | Reliġjon | Studji Soċjali *Gen/Opt.* |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* |
| Il-Ġimgħa 15ta' Frar 2013 | 1 | Malti | Lingwi barranin | Matematika | Bijoloġija/BS | Fiżika |
| | 2 | Studji Soċjali | ICT | Reliġjon | Ġeografija *Gen/Opt.* | Storja *Gen/Opt.* |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | HE | DT | PE |
| It-Tnejn 18ta' Frar 2013 | 1 | ORALI | Reliġjon | Lingwi barranin | Ingliż | Malti |
| | 2 | | Xjenza | Storja *Gen/Opt.* | ICT | Ġeografija *Gen/Opt.* |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | Kimika/BS |
| It-Tlieta 19ta' Frar 2013 | 1 | HE/GC/DT/ Mużika | Ingliż | Studji Soċjali *Gen/Opt.* Env. Studies | Malti | Taljan |
| | 2 | Reliġjon | Studji Soċjali | BS/Kimika | Fiżika / Scientific Lit. | Spanjol |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* |
| L-Erbgħa 20ta' Frar 2013 | 1 | Ingliż | HE/GC/DT | GC/Bijoloġija/ Studji Ewropej | ORALI Franċiż ***(It-2 Sena)*** | Bijoloġija/GC |
| | 2 | ICT | *M'hemmx Eżami* | Ġeografija *Gen/Opt.* | ORALI | HE |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* |
| Il-Ħamis 21ta' Frar 2013 | 1 | Storja | *M'hemmx Eżami* | Malti | Lingwi barranin ***(Ir-4 Sena)*** | Letteratura Ingliża |
| | 2 | *M'hemmx Eżami* | | CS | Studji Soċjali Gen/Opt. | Ġermaniż/ Għarbi |
| | 3 | | | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* |
| Il-Ġimgħa 22ta' Frar 2013 | 1 | *M'hemmx Eżami* | ORALI | Ingliż | Letteratura Ingliża | Franċiż |
| | 2 | | *M'hemmx Eżami* | DT/PE | Kimika/HE | CS |
| | 3 | | | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* |

Taqsir tal-kliem - *BS (Business Studies); CS (Computer Studies); D&T (Design & Technology); GC (Graphical Communication); PE (Physical Education); HE (Home Economics);*

Il-baned tar-reġjun jiltaqgħu bi preparazzjoni għall-Festa Komunità li se ssir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju, 2013 b'risq id-Dar tal-Providenza. Nirringrazzjaw bil-quddiem lil kull min se jagħti sehmu b'risq dan l-għan nobbli.





Narawkom!

**Bord Editorjali:**

| | | |
|---|---|---|
| | Assistenta Kap: | *C. Pisani Grixti* |
| | Disinn: | *A. Galea* |
| | Fotografu: | *D. Bezzina* |
| | Issettjar: | *A. M. Zammit* |
| | Qari tal-Provi: | *L. Deguara, W. Incorvaja S. J. Polidano u C. Tanti* |
| | Tradutturi: | *D. Bezzina u P. Sacco* |
| | Stampar: | *C. Cassar* |